II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-20 ta' April 2009**

**dwar id-definizzjoni tal-kriterji għall-klassifikazzjoni ta' faċilitajiet tal-iskart skont l-Anness III għad-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-immaniġġar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 2856)*

(2009/337/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-immaniġġjar ta' skart mill-industriji ta' estrazzjoni u li temenda id-Direttiva 2004/35/KE ([1]), u b'mod partikolari, il-punt (g) tal-Artikolu 22(1) tagħha,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata valutazzjoni komuni tal-kriterji stabbiliti fl-Anness III għad-Direttiva 2006/21/KE, huwa meħtieġ li tiġi definita metodoloġija u, fejn possibli, li jiġu stabbiliti il-limiti tal-valuri, waqt li jitqiesu t-tipi differenti ta' faċilitajiet ta' skart, l-imġieba tagħhom fit-terminu ta' żmien qasir u f'dak twil kif ukoll matul il-fażi ta' operazzjoni.

(2) Huwa xieraq mil-lat tekniku li l-faċilitajiet tal-iskart li jkollhom biss skart inerti jew ħamrija mhux imniġġsa jiġu eżentati mill-valutazzjoni tal-kriterji dwar il-preżenza ta' sustanzi perikolużi jew skart perikoluż.

(3) Il-periklu potenzjali li ġej minn faċilità tal-iskart jista' jinbidel b'mod sinifikanti matul il-fażijiet operazzjonali u dawk ta' għeluq tal-faċilità. B'hekk, huwa xieraq li ssir reviżjoni tal-klassifikazzjoni tal-faċilità kif meħtieġ u għall-inqas fl-aħħar tal-fażi operazzjonali.

(4) Sabiex issir valutazzjoni tal-possibbiltà ta' mewt u periklu għas-saħħa tal-bniedem f'każijiet ta' nuqqas ta' integrità strutturali, jew tħaddim inkorrett, ta' faċilità, il-preżenza permanenti attwali tan-nies fiż-żoni potenzjalment affettwati għandha titqies meta ssir valutazzjoni sinifikanti ta' possibbiltà ta' mewt jew periklu għas-saħħa tal-bniedem.

(5) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]),

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

1. Faċilità tal-iskart għandha tiġi kklassifikata taħt il-Kategorija A skont l-ewwel inċiż tal-Anness III tad-Diretiva 2006/21/KE jekk il-konsegwenzi mbassra fit-terminu qasir jew fit-terminu twil ta' falliment minħabba telf ta' integrità, jew minħabba tħaddim inkorrett ta' faċilità tal-iskart jistgħu jwasslu għal:

(a) possibbiltà mhux negliġibbli ta' mewt;

([1]) ĠU L 102, 11.4.2006, p. 15.

([2]) ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

(b) perikli serji għas-saħħa tal-bniedem;

(c) perikli serji għall-ambjent.

2. Għall-għan tal-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, iċ-ċiklu tal-ħajja kollha tal-faċilità, inkluża l-fażi ta' wara l-għeluq, għandha titqies fil-valutazzjoni tal-periklu potenzjali tal-faċilità.

*Artikolu 2*

1. Għall-fini ta' din id-Deċiżjoni, l-integrità strutturali ta' faċilità tal-iskart għandha tfisser il-kapaċità li żżomm l-iskart fil-konfini tal-faċilità bil-mod li hi tkun ġiet iddiżinjata għalih.

2. In-nuqqas ta' integrità strutturali għandu jkopri l-mekkaniżmi possibbli kollha ta' ħsara rilevanti għall-istrutturi tal-faċilità tal-iskart konċernata.

3. Il-valutazzjoni tal-konsegwenzi tan-nuqqas ta' integrità strutturali għandha tinkludi l-impatt immedjat ta' kwalunkwe materjal trasportat mill-faċilità bħala konsegwenza tal-ħsara u l-effetti fi żmien qasir u fit-tul li jirriżultaw minn dan.

*Artikolu 3*

1. Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni, it-tħaddim inkorrett tal-faċilità tal-iskart għandu jfisser kwalunkwe tħaddim li jista' jwassal għal inċident kbir, inluż it-tħaddim ħażin tal-miżuri għall-protezjoni ambjentali u l-ippjanar difettuż jew mhux xieraq.

2. Il-valutazzjoni tar-rilaxx ta' kontaminanti li jirriżultaw minn tħaddim inkorrett għandha tinkludi l-effetti tar-rilaxx ta' kontaminanti kemm fit-terminu qasir kif ukoll fit-terminu twil. Dik il-valutazzjoni għandha tkopri kemm il-perjodu operazzjonali tal-faċilità kif ukoll il-perjodu fit-tul wara l-għeluq. Hi għandha tinkludi valutazzjoni tal-perikli potenzjali li ġejjin minn faċilitajiet li għandhom skart reattiv, irrelevanti jekk l-iskart ġiex ikklassifikat bħala perikoluż fid-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE ([1]) jew le.

*Artikolu 4*

1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw il-konsegwenzi ta' ħsara minħabba n-nuqqas ta' integrità strutturali jew tħaddim inkorrett ta' faċilità tal-iskart skont il-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Il-possibilità ta' mewt jew il-periklu għas-saħħa tal-bniedem għandha titqies negliġibbli jew mhux serja jekk in-nies apparti mill-ħaddiema li jħaddmu il-faċilità li jistgħu jiġu affettwati mhumiex mistennija li jkunu preżenti b'mod permanenti jew għal perjodi mtawwla fiż-żona potenzjalment affettwata. Il-ġrieħi li jwasslu għal diżabbilltà jew għal kundizzjonijiet mtawwla ta' mard għandhom jitqiesu bħala perikoli serji għas-saħħa tal-bniedem.

3. Il-periklu potenzjali għall-ambjent għandu jitqies mhux serju jekk:

(a) l-intensità tas-saħħa tas-sors ta' kontaminant potenzjali tkun qed tonqos b'mod sinifikanti fi żmien qasir;

(b) il-ħsara ma twassalx għal xi ħsara ambjentali permanenti jew li ddum fit-tul;

(c) l-ambjent affetwat jista' jiġi restawrat permezz ta' sforzi minuri ta' tindif u restawr.

4. Biex tiġi stabbilita l-possibbiltà ta' mewt jew ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, l-evalwazzjonijiet speċifiċi tal-firxa tal-impatti potenzjali għandhom jitqiesu fil-kuntest ta' katina ta' sors-passaġġ-riċevitur.

Meta ma jkunx hemm passaġġ bejn is-sors u r-riċevitur, il-faċilità kkonċernata ma għandiex tiġi kklassifikata fil-Kategorija A abbażi tal-ħsara minħabba nuqqas ta' integrità strutturali jew tħaddim inkorrett.

*Artikolu 5*

1. Fil-każ ta' nuqqas ta' integrità strutturali ta' digi, il-ħajjiet tal-bnedmin għandhom jitqiesu mhedda meta l-livelli tal-ilma jew tat-tajn huma mill-anqas 0,7 m 'l fuq mill-art jew fejn il-veloċità tal-ilma jew tat-taħlita jaqbżu 0,5 m/s.

2. Il-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' mewt jew ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem, għandha tinkludi għall-inqas il-fatturi li ġejjin:

(a) id-daqs u l-propjetajiet tal-faċilità inkluż l-ippjanar tagħha;

(b) il-kwantità u l-kwalità fosthom il-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi tal-iskart fil-faċilità;

(c) it-topografija tas-sit tal-fakultà, inklużi l-karatteristiċi tad-damper;

(d) iż-żmien li tieħu mewġa b'potenzjal ta' għargħar biex tasal fiż-żona fejn hemm in-nies;

(e) il veloċità tal- propagazzjoni tal-mewġa tal-għargħar;

(f) il-livell previst tal-ilma jew tat-tajn;

([1]) ĠU L 377, 31.12.1991, p. 20.

(g) ir-rata li biha qed jogħlew il-livelli tal-ilma u tat-tajn;

(h) kwalunkwe fatturi rilevanti speċifiċi għas-sit li jistgħu jinfluwenzaw il-possibbiltà ta' mewt jew ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem.

*Artikolu 6*

1. F'każ ta' żerżiq ta' munzell skart kwalunkwe moviment ta' massa ta' skart għandu jitqies bħala theddida possibbli għall-ħajja tal-bnedmin jekk hemm nies li joqgħodu f'dik il-medda li fiha qed tiċċaqlaq il-massa ta' skart.

2. Il-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' mewt jew ta' periklu għas-saħħa tal-bniedem, għandha tinkludi għall-inqas il-fatturi li ġejjin:

(a) id-daqs u l-proprjetajiet tal-faċilità inkluż l-ippjanar tagħha;

(b) il-kwantità u l-kwalità fosthom il-proprjetajiet fiżiċi u kimiċi tal-iskart fil-faċilità

(c) l-angolu tal-inklinazzjoni tal-munzell;

(d) il-possibbilta li jinġema ilma ta' taħt l-art intern ġewwa l-munzell;

(e) l-istabbiltà ta' taħt l-art;

(f) it-topografija;

(g) il-viċinanza lejn nixxigħat, kostruzzjonijiet, bini;

(h) xogħlijiet f'minjieri;

(i) kwalunkwe fattur ieħor speċifiku għas-sit li jista' jikkontribwixxi sinifikament għar-riskju kkawżat mill-istruttura.

*Artikolu 7*

1. Il-limitu msemmi fit-tieni inċiż tal-Anness III tad-Direttiva 2006/21/KE għandu jiġi ddeterminat, bħala l-proporzjon tal-piż fuq il-bażi ta' materja niexfa ta':

(a) l-iskart kollu kklassifikat bħala perikoluż skont id-Direttiva 91/689/KEE u li mistenni jkun preżenti fil-faċilità fl-aħħar tal-perjodu ppjanat ta' ħidma, u

(b) l-iskart mistenni li jkun preżenti fil-faċilità fl-aħħar tal-perjodu ppjanat ta' ħidma.

2. Meta il-proporzjon imsemmi fil-paragrafu 1 jaqbeż il-50 %, il-faċilità għandha tiġi kklassifikata bħala Kategorija A.

3. Meta il-proporzjon imsemmi fil-paragrafu 1 ikun bejn il-5 % u l-50 %, il-faċilità għandha tiġi kklassifikata bħala Kategorija A.

Madankollu, dik il-faċilità ma tistax tiġi kklassifikata bħala Kategorija A meta jkun hemm ġustifikat abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju speċifika għas-sit, b'konċentrazzjoni speċifika dwar l-effetti tal-iskart perikoluż, imwettqa bħala parti mill-klassifikazzjoni abbażi tal-konsegwenzi ta' ħsara minħabba nuqqas ta' integrità jew tħaddim inkorretta, u turi li l-faċilità ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala Kategorija A abbażi tal-kontenuti ta' skart perikoluż.

4. Meta il-proporzjon imsemmi fil-paragrafu (1) huwa inqas minn 5 %, imbagħad il-faċilità ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala Kategorija A abbażi tal-kontenuti ta' skart perikoluż.

*Artikolu 8*

1. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw jekk il-kriterju stabbilit fit-tielet inċiż tal-Anness III għad-Direttiva 2006/21/KE intlaħaqx skont il-konsiderazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 3, u 4.

2. Għall-għadajjar ta' fdalijiet ppjanati, se tintuża l-metodoloġija li ġejja:

(a) għandu jsir inventarju tas-sustanzi u l-preparazzjonijiet li jintużaw fl-ipproċċessar u li huma sussegwentement mormija mat-tajn tal-irdim fl-għadira ta' fdalijiet;.

(b) għal kull sustanza u preparazzjoni, għandhom jiġu stmati l-kwantitajiet annwali użati fil-proċess għal kull sena ta' ħidma prevista;

(c) għal kull sustanza u preparazzjoni, għandu jiġi ddeterminat jekk hijiex sustanza jew preparazzjoni perikoluża fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE ([1]) u tad-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]);

(d) għal kull sena ta' tħaddim previst, iż-żieda annwali fl-ilma maħżun ($\Delta Qi$) ġewwa l-għadira ta' fdalijiet għandha tiġi kkalkulata f'kundizzjonijiet stabbli skont il-formula stabbilita fl-Aness I;

(e) għal kull sustanza jew preparazzjoni perikoluża identifikata skont il-punt (c), il-konċentrazzjoni massima annwali (C max) fil-fażi akwea għandha tiġi stmata skont il-formula stabbilita fl-Anness II.

([1]) ĠU 196, 16.8.1967, p. 1.
([2]) ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1.

Jekk, abbażi tal-istima tal-konċentrazzjoni massima annwali (C max), il-fażi akwea hija kkunsidrata li tkun "perikoluża" skont it-tifsira tad-Direttivi 1999/45/KE jew 67/548/KEE, il-faċilità għandha tiġi kklassifikata bħala faċilita ta' Kategorija A.

3. Għat-tħaddim tal-għadajjar ta' fdalijiet, il-klassifikazzjoni tal-faċilità għandha tkun ibbażata fuq il-metodoloġija stabbilita f' paragrafu 2, jew fuq analiżi kimika diretta tal-ilma u s-solidi li jinstabu fil-faċilità. Jekk il-fażi akwea u l-kontenuti tagħha jkollhom jiġu kkunsidrati bħala preparazzjoni perikoluża skont it-tifsira tad-Direttiva 1999/45/KE jew 67/548/KEE, il-faċilità għandha tiġi kklassifikata bħala faċilità ta' Kategorija A.

4. Għall-faċilitajiet ta' lissija tal-munzell, meta l-metalli jiġu estratti minn mniezel permezz tat-tisfija ta' soluzzjonijiet ta' lissija, l-Istati Membri għandhom iwettqu testijiet għall-sustanzi perikolużi fil-mument tal-għeluq ibbażati fuq l-inventarju ta' kimiki u konċentrazzjonijiet residwi ta' dwan il-kimiki ta' lissija fid-dranaġġ wara jkun ġie ffinalizzat il-ħasil. Jekk dawn il-lissati jkollhom jiġu kkunsidrati bħala preparazzjoni perikoluża skont it-tifsira tad-Direttiva 1999/45/KE jew 67/548/KEE, il-faċilità għandha tiġi kklassifikata bħala faċilità ta' Kategorija A.

*Artikolu 9*

L-Artikolu 7 u 8 ta' din id-Deċiżjoni ma għandhomx japplikaw għall-faċilitajiet bi skart inert jew ħamrija mhux imniġġsa biss.

*Artikolu 10*

Għandha ssir reviżjoni tal-klassifikazzjoni mill-awtorità kompetenti skont it-tifsira tad-Direttiva 2006/21/KE meta ssir bidla sostanzjali fil-permess jew il-kundizzjonijiet ta' tħaddim jinbidlu sinifikament.

Dik ir-reviżjoni għandha titwettaq mhux aktar tard minn tmiem il-perjodu ta' tħaddim tal-faċilità.

*Artikolu 11*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 20 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Il-formula għall-kalkoli tal-medja taż-żieda annwali fl-ilma maħżun ġewwa l-għadira ta' fdalijiet ΔQ kif imsemmija fl-Artikolu 8 il-paragrafu 2**

ΔQi = (ΔMi/D)*P, fejn:

ΔQi = iż-żieda annwali fl-ilma maħżun ġewwa l-għadira ta' fdalijiet ($m^3$/sena) matul is-sena "i"

ΔMi = il-massa annwali ta' fdalijiet mormija fl-għadira (tunnellati ta' piż niexef/sena) matul is-sena "i"

D = il-medja tad-densità tal-kwantità niexfa ta' fdalijiet iddepożitati (tunnellati/$m^3$)

P = il-porożità medja ta' fdalijiet sedimentati ($m^3/m^3$) iddefiniti bħala proporzjon tal-volum ta' spazji vojta mqabbla mal-volum totali ta' fdalijiet sedimentati

Jekk id-dejta eżatta mhijiex disponibbli, għandhom jintużaw il-valuri awtomatiċi ta' 1,4 tunnellata/$m^3$ għad-densità tal-kwantità niexfa u 0,5 $m^3/m^3$ għall-porożità.

*ANNESS II*

**L-istima tal-konċentrazzjoni massima fil-fażi akwea C max kif imsemmija fl-Artikolu 8 il-paragrafu 2**

C max = il-massimu tal-valur li ġej: Si/ΔQi, meta:

Si = il-massa annwali ta' kull sustanza u preparazzjoni kif identifikata skont l-Artikolu 8(2)(c), mormija fl-għadira matul is-sena "i"